**JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000**
Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 4 | STUDJI SOĊJALI ( ĠENERALI ) | ĦIN : SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

Isem: ________________________________ Klassi: ____________________

Taqsima A

Imla l-vojt b'dawn il-kliem.

Kooperattiva; diskriminazzjoni; bidla demografika; dmirijiet; ċensiment; subborg; tniġġis; mobilita' soċjali; l-istrajk; densita'.

1) In-nies jitħajru jgħixu fis-________________________ biex jeħilsu mill-istorbju tal-belt.
2) ________________________ nazzjonali jsir kull għaxar snin u b'hekk il-gvern ikollu stampa ċara u aġġornata tal-kwalita' tal-popolazzjoni.
3) Il-proċess meta individwu jirnexxilu javvanza fis-soċjeta' u joħroġ mis-saff soċjali li jkun fih jissejjaħ ________________________.
4) Meta xi prodotti jintefgħu fis-sistema naturali b'tali mod li jfixklu jew iħarbtu l-bilanċ li jeżisti fin-natura, joħolqu ________________________ fl-ambjent.
5) ________________________ fuq il-post tax-xogħol issir meta twarrab jew tippreferi lil xi ħadd ieħor mingħajr ebda raġuni valida.
6) Biex tittwaqqaf ________________________ irid ikun hemm seba' membri u kull membru għandu vot wieħed biss.
7) Il-kejl li jintuża biex wieħed jieħu idea tal-pressjoni tal-bniedem fuq l-art tissejjaħ ________________________ tal-popolazzjoni.
8) Bidla fil-popolazzjoni tal-pajjiż iġġib magħha ________________________.
9) Ċittadin għandu obbligi lejn iċ-ċittadini l-oħra u lejn is-soċjeta'. Dawn jissejħu ________________________.
10) Arma qawwija li tintuża f'azzjoni industrijali hija ________________________.

**( 10 marki )**

## Taqsima B

F'mhux inqas minn 30 kelma wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1) X'differenza tgħaddi bejn refuġjat u emigrant?
2) Xi jkunu konflitti etniċi u konflitti razzjali?
3) X'differenza hemm bejn komunita' u soċjeta'?
4) Kif tista' sseħħ il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'livelli aktar għolja fuq il-post tax-xogħol?
5) X'inhi d-differenza bejn immodernizzar u żvilupp?

( 25 marka )

## Taqsima Ċ

Qabbel kolonna "A" ma kolonna "B"

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1) | Informatika | | titjib fil-livell ta' għixien tal-poplu. |
| 2) | multinazzjonali | | ħaddiem elett minn sħabu biex jifforma parti mill-bord tad-diretturi. |
| 3) | L-iżvilupp | | ġabra u tqassim ta' informazzjoni. |
| 4) | l-ewwel dinja | | kumpaniji kbar li jkollhom kumpaniji sussidjarji. |
| 5) | direttur ħaddiem | | meta mhux kulħadd għandu bħal jew daqs ħaddieħor. |
| 6) | medjatur | | il-bniedem li jkun ħa l-inizjattiva fl-industrija. |
| 7) | prodott gross domestiku | | materjal velenuż |
| 8) | tossiku | | wieħed li jara kif jista' jirranġa sitwazzjoni fejn jinqala' konflitt industrijali. |
| 9) | imprenditur | | l-Istati Uniti, fejn kull individwu huwa ħieles li jisfrutta l-opportunitajiet li jkollu u joħloq l-ġid. |
| 10) | inugwaljanza | | it-total ta' ġid maħluq mill-ekonomija lokali kollha matul s-sena. |

(10 marki)

Taqsima D

Ħares lejn din l-istampa u wieġeb.



Management and workers have different goals

1) Semmi tliet għanijiet tal-ħaddiema u tlieta ta' min iħaddem. Għaliex taħseb li għandhom għanijiet differenti?
2) Xi kultant għanijiet differenti jwasslu għall-konflitti bejn il-ħaddiem u min iħaddem. Min jista' jgħin meta jkun hemm tilwima industrijali ?
3) X'inhi d-differenza bejn negozjar kollettiv u ftehim kollettiv ?
4) Jekk il-ħaddiem iħoss li jkun qed jiġi sfruttat, ifittex it-trejd unjon. Spjega x'inhu x-xogħol ewlieni ta' trejd unjon.
5) X'mezzi tista' tuża trejd unjon f'każ ta' tilwim industrijali? Semmi mill-inqas tlieta.
6) X'responsabbiltajiet għandu l-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol? Agħti 5 eżempji.
7) Agħti 2 eżempji ta' trejd unions Maltin u ikteb liema kategorija ta' ħaddiema jirrappreżentaw.

( 25 marka )

Taqsima E

Agħżel wieħed minn dawn is-suġġetti u ikteb fit-tul.

1) Il-koperattivi f'Malta.
2) Il-Mediterran huwa marid u mhedded mit-tniġġis. Għaliex huwa baħar suġġett ħafna għat-tniġġis? Għid kif it-tniġġis jaffettwa wkoll is-saħħa tal-bniedem.
3) Kull soċjeta' tevolvi u tinbidel. Kif nistgħu nifhmu l-bidliet soċjali li naraw madwarna?
4) It-Turiżmu huwa fattur ewlieni li jgħin l-ekonomija Maltija. Iddiskuti.

( 30 marka )